**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**Maġistrat Dr. Charmaine Galea B.A. LL.D.**

**Illum 08 ta' April 2025**

**Rikors Numru 576/2023**

**Tanya Fenech (K.I. 41267M), Martin Aquilina (K.I. 530554M), u b'digriet tat-3 ta' Frar 2025 l-atti ġew trasfużi f'isem Matthew Aquilina (K.I. 375580M) u Paul Aquilina (K.I. 255887M) stante l-mewt ta' Martin Aquilina;**
**Maria sive Mary Rose Borg (K.I. 703034M), Peter Borg (K.I.117164M);**
**Anthony Edgar Aquilina (K.I. 12350M),**
**Edgar Anthony Aquilina (K.I. 363251M),**
**Erminia Borg Testaferrata (K.I.16353M),**
**Joseph Frederick Aquilina (K.I. 311267M),**
**Emma Maria Aquilina (K.I. 228471M),**
**Helena Enriquez (K.I. 465272M),**
**Julia Aquilina (K.I. 441675M);**
**Mark Aquilina (K.I. 940548M), David Aquilina (K.I. 757150M),**
**Eillen Pagnoud (K.I. 250352M) Christine Aquilina (K.I.643759M);**
**Denis Azzopardi (K.I. 694351M), Ann Claire Anastasi (K.I. 837052M),**
**Marina Azzopardi (K.I. 457757M);**
**-vs-**
**Emanuel Vassallo (KI. 819352M) u Mary Dorothy sive Dorothy Vassallo (KI. 658251M)**

Il-Bord,

Ra r-Rikors ippreżentat minn **Tanya Fenech et** fit-23 ta' Novembru 2023, li permezz tiegħu ġie premess u ntalab is-segwenti:

1. *Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond residenzjali* ***125, Fl3, Triq is-Zewg Mini, l-Isla,*** *bil-kera komplessiva ta'* ***€209*** *fis-sena.*

2. *Illi l-fond ilu mikri lill-****intimati Vassallo*** *minn qabel l-1 ta' Gunju 1995, oriġinarjament bil-kera ta'* ***Lm12*** *fis-sena ghal dawn l-ahhar sebghin sena b'titolu ta' kera, b'dan li bl-Att X tal-2009, fl-1 ta' Jannar 2010 il-kera saret* ***€185*** *u kompliet toghla kull 3 snin skond l-indici tal-inflazzjoni ai termini tal-ligi.*

3. *Illi l-fond in kwistjoni ippervjena in kwantu ghal* ***nofs (½)indiviz*** *ghand ir-rikorrenti* ***Tanya Fenech, Peter Borg u l-uzufruttwarja Maria sive Mary Rose Borg,*** *armla minn Victor Anthony Borg, b'testment tal-mejjet* ***Victor Anthony Borg*** *li miet fl-14 ta' Mejju 2011 u l-wirt tieghu iddevolva skond testment tas-7 ta' Lulju, 2006 u tal-14 ta' Frar, 2011 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt skond testmenti* ***DOK A u DOK B*** *hawn annessi u mmarkati.*

4. *Illi l-proprjetá in kwistjoni kienet proprjetá parafernali tal-mejjet Victor Anthony Borg u bit-testmenti fuq imsemmija huwa halla l-uzufrutt ta' din id-dar in kwistjoni lill-martu, ir-rikorrenti Maria sive Mary Rose Borg u in-nuda proprjetá liz-zewg uliedu, ir-rikorrenti l-ohra odjerni li gew nominati bhala eredi universali tieghu kif jirrizulta mit-tesment tas-7 ta' Lulju, 2006 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt hawn fuq riferit.*

5. *Illi b'dikjarazzjoni causa mortis tas-27 ta' April, 2012 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt,* ***DOK C*** *hawn anness u mmarkat, ir-rikorrenti Peter Borg, Tanya Fenech u Maria sive Mary Rose Borg iddikjaraw il-proprjetá in kwistjoni ossia n-nofs indiviz tal-istess, u hallsu t-taxxa relattiva lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.*

6. *Illi n-****nofs indiviz (½) l-iehor*** *jappartjeni lir-rikorrenti l-ohrajn kollha bhala eredi ta'* ***Emanuele, Francesco*** *u* ***Elena ahwa Aquilina****, ilkoll ulied il-mejjet* ***Antonio u martu Thereza Aquilina*** *li miet fl-20 ta' Awwissu 1952 u l-wirt tieghu iddevolva permezz ta' zewg testmenti tat-28 ta' Settembru 1940,* ***DOK D*** *hawn annessu mmarkat, u tal-15 ta' Dicembru 1950,* ***DOK E*** *hawn anness u mmarkat, ilkoll fl-Atti tan-Nutar Dottor Nicola Said.*

7. *Illi* ***Emanuel Aquilina*** *miet fil-25 ta' Marzu 1993 u l-wirt tieghu iddevolva b'testment tal-20 ta' Settembru 1983 fl-Atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicinio,* **DOK F** *hawn anness u mmarkat, fejn filwaqt li halla l-uzufrutt lil martu Margaret Aquilina, huwa nnomina bhala eredi universali tieghu lil hutu* ***Anthony Edgar Aquilina, Edgar Anthony Aquilina, Ermenia sive Mimi Borg Testaferrata, Joseph Fredrick Aquilina, Emma Maria Fenech, Helen Enriquez, u Julia Aquilina*** *biex b'hekk, bejniethom huma kellhom* ***sest (1/6) indiviz*** *tal-proprjeta` in kwistjoni, u b'dikjarazzjoni causa mortis fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino tal-25 ta' Frar 1998, huma ddikjaraw l-istess proprjeta` lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni skond* **DOK G** *hawn anness u mmakrat.*

8. *Illi* ***Francesco Saverio Aquilina*** *miet fid-9 ta' Ottubru 2002 u b'testment sigriet tat-22 ta' April 1997, fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef, liema testment gie dikjarat miftuh min-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef fid-9 ta' April 2003,* **DOK H** *hawn anness u mmarkat, fejn huwa ma nnominax eredi biex b'hekk il-wirt tieghu iddevolva fuq ir-rikorrenti uleidu ab intestato, u cioe* ***Mark Aquilina, David Aquilina, Eileen Pagnout, Martin Aquilina u Christine Aquilina****, biex b'hekk bejniethom huma ghandhom* ***sest (1/6) indiviz*** *tal-proprjeta` in kwistjoni b'dikjarazzjoni causa mortis fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino tal-5 ta' Ottubru 2003, huma ddikjaraw l-istess proprjeta` lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni skond* **DOK I** *hawn anness u mmakrat.*

9. *Illi* ***Helen Azzopardi*** *mietet fl-24 ta' Gunju 2009 u l-wirt taghha ddevolva b'testment unica charta tas-7 ta' Settembru 2007 fl-Atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel,* **DOK J** *hawn anness u mmarkat, fejn hija nnominat bhala eredi universali taghha lit-tleitt uliedha t-****Tabib Dennis Azzopardi, Anne Claire Anastasi u Maria sive Marina Azzopard,*** *biex b'hekk bejniethom huma kellhom* ***sest (1/6) indiviz*** *tal-proprjeta` in kwistjoniu b'dikjarazzjoni causa mortis fl-atti tan-Nutar Dottor Philip Lanfranco tal-10 ta' Dicembru 2009, huma ddikjaraw l-istess proprjeta` lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni skond* **DOK K** *hawn anness u mmakrat.*

10. *Illi b'***DOK L** *hawn anness u mmarkat, in-Nutar Dottor Roselyn Aquilina ddikjarat il-provenjenza ta' din il-proprjeta`, naxxenti mill-*

*eredita` tal-mejjtin Giuseppe u Antonia konjugi Borg u Joseph Borg in kwantu ghan-nofs ($^1/_2$) indiviz, u in kwantu ghan-nofs ($^1/_2$) indiviz l-iehor, provenjenti l-eredita` ta' Antonio u Thereza Aquilina.*

11. *Illi l-proprjeta` in kwistjoni m'hijiex dekontrollata skond certifikat,* ***DOK M*** *hawn anness u mmarkat u l-fond in kwistjonu huwa okkupat mill-intimati Vassallo kif jirrizulta mir-registu elettorali,* ***DOK N*** *hawn anness u mamrkat.*

12. *Illi kif hawn fuq inghad, il-kera li qieghdin ihallsu l-intimati Vassallo hija biss ta'* ***€209*** *fis-sena.*

13. *Illi l-protezzjoni moghtija lill-inkwilini* ***intimati Mizzi*** *bid-dispozizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009 m'humiex gusti u ma jikkreawx bilanc ta' proporzjonalita' bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilini stante li l-valur lokatizzju tal-fond huwa ferm oghla minn dak stabbilit fil-ligi u ghalhekk huma bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.*

14. *Illi l-livell baxx tal-kera, l-istat tal-incertezza tal-possibilità tat-tehid lura tal-proprjeta', in-nuqqas ta' salvagwardji procedurali, iz-zieda fil-livell tal-ghejxien f'Malta f'dawn l-ahhar decenni u l-interferenza sproporjzonata bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini ikkreaw piz eccessiv fuq ir-rikorrenti, kif ukoll id-dritt li l-inkwilinat jibqa' jintiret minn generazzjoni ghall-ohra huma derimpenti d-drittijiet proprjetarji tas-sidien.*

15. *Illi ghalhekk effettivament ir-rikorrenti gew spossessati mid-dritt ta' tgawdija tal-proprjetà taghhom wara li skada t-terminu tal-kirja originali u ghalhekk gew assoggettati wkoll ghal relazzjoni forzata ta' sid u inkwilin ghal perjodu indefinit u ntilef il-bilanc bejn l-interessi ta' l-inkwilini u dawk tas-sidien, minkejja il-ftehim originali surreferit u dan bid-disposizzjonijiet tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.*

16. *Illi l-awmenti fil-kera li kienu intitolati għalihom ir-rikorrenti skond il-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009 huma irrizorji u miżeri għall-aħħar meta paraġunati mal-valur lokatizju tal-fond fis-suq u l-potenzjal tiegħu, u għalhekk tali legislazzjoni ma ħolqot l-ebda bilanc*

*bejn l-interess ġenerali u l-interess tar-rikorrenti, anzi kompliet tippregiudika u tinjora id-drittijiet fundamentali tas-sidt.*

17. *Illi r-rikorrenti gew imcaħħda mit-tgawdija tal-proprjetà taghhom minghajr ma setghu juzaw il-proprjeta' u lanqas jiehdu kumpens xieraq għall-okkupazzjoni minn terzi persuni b'mod sfurzat u mhux skond il-pattijiet kuntrattwali minnhom raggunti, imposti fuqhom mill-Awtoritajiet. Infatti, l-unika kumpens li gie offrut ai termini tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta kien li tithallas iż-żieda fir-rata ta' inflazzjoni tal-kera li ma setgħet qatt teċċedi d-doppju stabbilit fil-kuntratt oriġinali, meta fil-fatt il-valur lokatizju tal-istess fond, dak iż-żmien u iktar u iktar illum, kien ferm iżjed mill-kera annwali ta'* ***€209*** *fis-sena, liema kera, anke kif sussegwentement awmentata bl-emendi fil-Ligi u tal-Att X tat-2009, hija xorta wahda leziva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti stante li ma nzammx il-proporzjon bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilin billi is-sid jircievi kera gusta fis-suq.*

18. *Illi r-rikorrenti qatt ma rcevew din il-kera gusta fis-suq minhabba t-tibdil fil-Ligi.*

19. *Illi f'dan l-istadju, ai termini tal-Att XXIV tal-2021 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponentI huma intitolatI jippreżentaw rikors quddiem dan il-Bord fejn jitolbu li l-kera tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar tas-sena li matulha jiġi preżentat ir-rikors, ossia l-2023, u sabiex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera.*

20. *Illi dan l-Onorabbli Bord ghandu jirrevedi l-kera ghall-massimu permissibbli mil-Ligi, u dan mhux biss in vista tal-fatt li l-esponent qeghdin isofru ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom minhabba li huma kostreti jirċievu kera rrizorja, imma anke minhabba l-fatt illi l-Awtorità tad-Djar ser taghti benefiċċju li jkopri ż-żieda tal-kera lill-inkwilini.*

***Ghaldaqstant, ir-rikorrrenti jitolbu bil-qima lil dan l-Onorabbli Bord sabiex joghgbu:-***

**I.** ***Jiddikjara u Jiddeciedi*** *illi l-konjugi* ***Emanuel Vassallo (K.I 819352M) u Mary Dorothy sive Dorothy Vassallo (K.I 658251M)*** *huma l-inkwilini tar-rikorrenti fil-fond* ***125, Flat 3 Triq iz-Zewg Mini, l-Isla****, ai termini tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.*

**II.** ***Jordna*** *illi jitwettaq it-test tal-mezzi tal-inkwilina intimati* ***Emanuel Vassallo (K.I 819352M) u Mary Dorothy sive Dorothy Vassallo (K.I 658251M)*** *ai termini tal-Att XXIV tal-2021, liema test tal-mezzi ghandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Mezzi, mahrug taht l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom.*

**III.** ***Konsegwentement Jiddikjara u Jiddeciedi*** *illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021 tal-Ligijiet ta' Malta l-kera ghandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena, jew kwalunkwe persentagg li jista' minn żmien ghal żmien jigi stabbilit, tal-valur liberu u frank fis-suq miftuh tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar 2023, u cioe s-sena li matulha gie preżentat ir-rikors u sabiex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera jekk jkun il-kaz.*

**IV.** ***Tikkundanna*** *lill-inkwilini intimati* ***Emanuel Vassallo (K.I 819352M) u Mary Dorothy sive Dorothy Vassallo (K.I 658251M)*** *jibdew ihallsu dik it-tali kera hekk likwidata.*

**V.** ***Jaghti dawn l-ordnijiet necessarji*** *ai termini tal-Att XXIV tal-2021 f'kaz li l-kerreja ma jissodisfawx il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` tad-Djar** ippreżentata fl-4 ta' Marzu, 2024, li permezz tagħha ddikjarat is-segwenti:-

*Illi l-atturi iridu qabel xejn jipprovaw it-titolu taghhom u li huma wahedhom huma s-sidien unici tal-kera tal-fond.*

*Illi qabel xejn dan il-bord ghandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 ghandux jigi applikat ghal dan il-kaz.*

*Illi l-Awtorita` tad-Djar giet notifikata f' din il-kawza bhala intervenuta fil-kawza a bazi tal-Att XXIV tal-2021; allura ukoll l-Awtorita` tad-Djar ghandha id-dritt li tippartecipa fil-kawza u jekk taghmel dan, taghmel hekk biss bhala intervenuta fil-kawza. U ghalhekk l-Awtorita' tad-Djar anke f' dan il-kaz ma tistax tkun kundannata thallas xi kera u ma ghandiex tbati l-ispejjez. U dan kollu purche jirrizulta li l-Att XXIV tal-2021 hu applikabbli ghal kaz in kwistjoni.*

*Illi il-Periti mahtura bil-ligi ghandhom jaghtu il-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuh imma kif ikun fl-1 ta' Jannar tas-sena li fih isir ir-rikors. Mela il-valur irid isir tal-fond li hemm kif qed jigi mikri u mhux kif jista' jigi sviluppat. Kieku ried hekk il-legislatur kien jghid hekk referenza issir ghas-sentenza Catherine Cauchi v Remigio Cassar et Rik 315/20 Qorti Kost deciza 12/07/2023 li tittratta il-kwistjoni jekk fond ghandux jigi valutat bil-"potenzjal" tieghu u it-tifsira ta' dan. .*

*Illi jigi rilevat li f' kaz li l-inkwilini jissoddisfaw it-test tal-mezzi impost bil-ligi allura il-kera ghandha tigi fissata f' ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjeta u dan skont l-Art 4A tal-Kap 69, jew Art 12B tal-Kap 158.*

*Intant qed jigi anness Dok HA1 li jindika il-mod kif l-Awtorita` tad-Djar ser tkun qed tissussidja lil minn ikun jikkwalifika. Ghal iktar informazzjoni wiehed jista' jidhol fuq: [https://housingauthority.gov.mt/en/Pages/Schemes/Sussidju-tal-Kera-f%E2%80%99Residenzi-Privati-Mikrija-Qabel-l-1-ta%E2%80%99-%C4%A0unju-1995-.aspx](https://housingauthority.gov.mt/en/Pages/Schemes/Sussidju-tal-Kera-f%E2%80%99Residenzi-Privati-Mikrija-Qabel-l-1-ta%E2%80%99-%C4%A0unju-1995-.aspx)*

*Illi jigi rilevat li l-inkwilini ikunu jistghu jibbenefikaw minn skema ta' sussidju tal-kera jekk jikkwalifikaw skont il-kondizzjonijiet tal-istess skema – fost dawn il-kondizzjonijiet hemm dik li l-inkwilini iridu ikunu qieghdin jabitaw fil-fond bhala residenza ordinarja taghhom.*

*Tant ghall-eghref gudizzju ta' dana l-Bord*

Ra r-risposta ta' **Emanuel Vassallo et** ppreżentata fis-7 ta' Marzu, 2024, li permezz tagħha eċċepew is-segwenti:

1. *Illi ghandu jigi rilevat illi l-eccipjenti dejjem ottemperaw ruhhom mal-ligijiet vigenti, u ghaldaqstant ma tista' tigi attribwita l-ebda htija jew nuqqas da parti taghhom, fl-eventwalita' li dan l-Onorabbli Bord jakkolji t-talbiet tar-rikorrenti.*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissodisfaw it-test tal-mezzi kurrenti, u dan kif ser jirrizulta matul il-mori ta' dawn il-proceduri. Di fatti, l-esponenti huma penzjonanti bi dhul u kapital minimu.*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-revizjoni tal-kera m' ghandhiex tkun bir-rata massima ta' tnejn fil-mija (2%), izda ghandha tqarreb aktar lejn il-minimu u/jew b'rati mizjuda gradwalment u dan tenut kont tal-eta' avvanzata u c-cirkostanzi tal-esponenti, inkluz il-fatt li l-unika mezz ta' introjtu taghhom huwa l-pensjoni.*

4. *Illi di piu', l-esponenti dejjem ottemperaw ruhhom mal-obbligazzjonijiet taghhom qua inkwilini, inkluz dak li jirrigwarda l-hlas tal-kera u z-zamma tal-proprjeta' fi stat tajjeb.*

5. *Illi l-esponenti jikkontendu illi fi kwalunkwe kaz, il-pozizzjoni taghhom hija wahda ta' bla htija, u f'kaz ta' kwalsiasi revizjoni fl-ammont ta' kera li joghgbu jordna dan l-Onorabbli Bord, huwa l-Istat li ghandu jassumi tali responsabbilita`.*

6. *Illi l-esponenti ma ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri*

Ra n-Nota Ġuramentata tal-intimati li flimkien magħha ġew ippreżentati diversi dokumenti;

Ra r-rapport tal-Membri Tekniċi tal-Bord;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra illi dan ir-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi dokumentarji prodotti jirriżulta illi r-rikorrenti jikru l-fond 125, Flat 3, Triq iż-Żewġ Mini, l-Isla lill-intimati.

Illi fl-ewwel lok l-Awtorita` tad-Djar talbet li r-rikorrenti jridu jġibu prova tat-titolu tagħhom fuq il-fond odjern. Fil-fehma tal-Bord din il-prova ġiet sodisfatta bid-dokumenti esebiti flimkien mar-rikors promutur.

Illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri l-intimati pproduċew prova tad-dħul u tal-assi tagħhom.

Illi skont Regolament 2 (2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11 sabiex inkwilin jissodisfa t-test tal-mezzi irid jissodisfa kemm il-kriterju tad-dħul u kif ukoll il-kriterju tal-kapital fil-limiti stabbiliti fl-istess Regolamenti.

Illi miċ-ċertifikat tat-twelid tal-intimati jirriżulta li fis-sena li nfetħet il-kawża l-intimati kellhom wieħed u sebgħin (71) sena u tnejn u sebgħhin (72) sena rispettivament.

**Fir-rigward tal-livell ta' dħul**, persuna li li jkollha bejn sitta u sittin (66) sa ħamsa u sebgħin (75) sena tissodisfa l-kriterju tad-dħul tat-test tal-mezzi jekk id-dħul matul il-perjodu rilevanti ma jeċċedix is-sitta u erbgħin elf u ħames mitt ewro (€46,500). [1]

**Fir-rigward tal-livell ta' kapital**, persuna li jkollha bejn sitta u sittin (66) sena sa ħamsa u sebgħin (75) sena, biex tissodisfa t-test tal-kapital, l-istess kapital ma jridx jeċċedi l-mitejn u ħamsa u erbgħin elf ewro (€245,000) għall-perjodu rilevanti.[2]

Illi skont Regolament 7, fil-kalkolu tal-kapital għandu jitqies il-valur ta' kull proprjeta` immobbli li tkun tappartjeni għal kollox lill-inkwilin jekk ikollu l-pussess vakanti tal-istess proprjeta`, flus depożitati f'bank li jistgħu jinġibdu b'avviż ta' inqas minn tliet xhur, flus kontanti, depożiti għal perjodu ta' żmien, bonds, stocks, sigurtajiet u kull strument finanzjarju jew prodott finanzjarju ieħor.

In oltre, ai termini tar-Regolament 9, fil-każ li l-kerrej ikun miżżewweġ, it-test tal-mezzi għandu jinkludi d-dħul u l-kapital tal-konjuġi konġuntivament.

Illi minn eżami li għamel il-Bord tad-dokumenti esebiti, inkluż dawk bankarji, ma jirriżultax illi l-intimati jaqbżu l-ammonti ta' dħul u kapital imsemmija hawn fuq u kwindi jissodisfaw il-kriterji tat-test tal-

mezzi. Għalhekk il-Bord irid jgħaddi biex jiddetermina kemm għandha togħla l-kera.

Illi skont l-istima tal-Membri Tekniċi tal-Bord il-fond in kwistjoni għandu valur fis-suq liberu u frank ta' mija u ħamsin elf ewro (€150,000).

Illi l-leġislatur ħalla f'idejn dan il-Bord biex jawmenta l-kera sa massimu ta' tnejn fil-mija (2%) pero` mingħajr ma ta l-ebda linji gwida kif għandu jsir dan l-awment. Għalhekk il-Bord irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha pprezentati quddiemu u jasal għal persentaġġ li fil-fehma tiegħu ikun ġust. Illi filwaqt li min-naħa waħda l-Bord għandu quddiemu intimati li, skont mill-informazzjoni pprovduta, għandhom mezzi finanzjarji limitati, min-naħa l-oħra hemm sidien li ma jistgħux jiddisponu kif iridu mill-proprjeta` tagħhom.

Illi dan il-Bord huwa konxju tal-għadd ta' sentenzi kostituzzjonali ppronunzjati favur is-sidien ta' fondi suġġetti għal kirja regolata bil-Kapitolu 158 qabel dan ġie emendat bl-Att XXVII tal-2018, u fejn ġie dikjarat li ġie leż id-dritt tagħhom għat-tgawdija tal-proprjeta`. Għalhekk dan il-Bord huwa tal-fehma illi jrid joħloq bilanċ ġust bejn id-dritt tas-sid li jieħu frott mill-proprjeta` tiegħu u d-dritt tal-inkwilin li jkompli fit-tgawdija tal-fond fejn jgħix. Il-Bord jirrileva li huwa wkoll konsapevoli tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fejn id-direzzjoni hija li l-awment għandu jkun lejn il-massimu iktar milli lejn il-minimu.[3]

Illi l-Bord huwa wkoll konsapevoli tal-għajnuna li tista' tingħata lill-inkwilini f'każijiet ta' awment ta' kera ta' kirjiet protetti skont il-proċedura stabbilita mill-Awtorita` tad-Djar u kif muri fid-dokument esebit mill-Awtorita` mar-risposta tagħha. Di fatti fil-kawża fl-ismijiet **Maria Pintley vs L-Avukat tal-Istat et**[4], il-Qorti Kostituzzjonali meta trattat dwar l-artikolu 12B tal-Kapitolu 158[5] tenniet:

*"22. Dan apparti li m'hemm xejn x'iżomm lill-Bord milli jiffissa r-rata ta' kera viċin ta' 2% tal-valur tal-fond meta jqis l-iskema li introduċa l-Gvern għas-*

*sussidju tal-kera f'residenzi mikrija qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, u li biha jkopri l-parti l-kbira tal-awment fil-kera (ara f'dan ir-rigward sentenza ta' din il-Qorti,* ***Lorenza Zarb v. Carmelo Caruana*** *et tat-30 ta' Ġunju, 2021, kif ukoll tagħrif dwar l-iskema fil-website tal-Awtorita` tad-Djar)"*[6]

Għalkemm iċ-ċitata sentenza kienet qiegħda titratta kwistjoni taħt il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-opinjoni tal-Bord l-istess insenjament japplika wkoll għall-awment ta' kirjiet taħt il-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta peress li fejn jirrigwarda il-kriterji tat-test tal-mezzi u l-awment il-proċedura hija identika.

Illi, għalhekk, wara li l-Bord qies il-ġurisprudenza li żviluppat dawn l-aħħar snin, il-valur tal-fond in kwistjoni, il-mezzi tal-inkwilini u l-interessi tas-sidien, huwa tal-fehma illi jkun ġust li l-kera tal-fond in kwistjoni togħla bi 2% tal-valur tal-fond kif stmat mill-Membri Tekniċi tal-Bord. Għaldaqstant il-kirja awmentata għandha tkun ta' tlett elef ewro (€3000) fis-sena.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Bord jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti u mill-eċċezzjonijiet tal-intimati billi:

1. Jilqa' l-ewwel talba u jiddikjara u jiddeċiedi illi l-konjuġi Emanuel Vassallo (K.I 819352M) u Mary Dorothy sive Dorothy Vassallo (K.I 658251M) huma l-inkwilini tar-rikorrenti fil-fond 125, Flat 3 Triq iż-Żewġ Mini, l-Isla, ai termini tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jilqa' t-tieni talba u jiddikjara li l-intimati jissodisfaw il-kriterji tat-test tal-mezzi;

3. Jilqa' t-tielet talba u konsegwentement jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021 tal-Liġijiet ta' Malta l-kera tal-fond 125, Flat 3 Triq iż-Żewġ Mini, l-Isla qiegħda tiġi riveduta għall-ammont ta' tlett elef ewro (€3000) fis-sena pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem mid-data ta' din is-sentenza;

4. Jilqa′ r-raba′ talba u jikkundanna lill-inkwilini intimati Emanuel Vassallo (K.I 819352M) u Mary Dorothy sive Dorothy Vassallo (K.I 658251M) jibdew iħallsu l-kera kif riveduta;

5. Jiċħad il-ħames talba;

6. Jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati sa fejn dawn huma inkompatibbli ma′ dak deċiż hawn fuq.

Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

______________________

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

___________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**